MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1264/2000/1

**Carmelo Mifsud**

***Versus***

**Louis Aquilina**

Din il-kawża hija dwar inċident tat-triq li seħħ fl-14 ta’ Diċembru 1999 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi dakinhar fis-1.30 *p.m.* seħħ inċident bejn vettura tal-marka *Hyundai Pony*, bit-targa HAA 904, proprjetà ta’ l-attur u misjuqa minn Antonia Attard Gialanzè, u *truck* tal-marka *Dodge*, bit-targa CAE 679, misjuq mill-konvenut.
L-attur igħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, iżda għalxejn hu sejjaħ lill-konvenut biex jagħmel tajjeb għad-danni, u għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu;
2. tillikwida d-danni; u

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-ispejjeż u l-imgħax.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda għax għall-inċident ma jaħtix hu;
2. it-tieni talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax ma hemmx danni x’jiġu likwidati biex jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut; u
3. it-tielet talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax il-konvenut ma għandu jħallas xejn lill-attur.

L-inċident seħħ hekk:

Kemm Antonia Attard Gialanzè, li kienet qiegħda ssuq il-karrozza ta’ l-attur, kif ukoll il-konvenut, li kien qiegħed isuq *truck*, kienu qegħdin fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, sejrin lejn Casal Paola. Il-karrozza ta’ l-attur kienet fil-korsija tax-xellugnett u t-*truck* kien fit-tieni korsija mix-xellug, *i.e.* iż-żewġ vetturi kienu f’korsiji qrib ta’ xulxin. It-tnejn kienu ilhom xi tul għaddejjin fil-korsija tagħhom. Attard Gialanzè daħlet fil-korsija tagħha billi ġibdet lejn ix-xellug meta kienet iddur mar-*roundabout* tas-Salib tal-Marsa, u l-konvenut ukoll ġibed lejn ix-xellug billi, meta kien qiegħed idur ma’ l-istess *roundabout*, qaleb mit-tielet korsija għat-tieni waħda. Hemm tul mhux ħażin bejn il-post fejn is-sewwieqa qabdu l-korsija tagħhom u l-post fejn seħħ l-inċident; għalhekk it-tnejn saqu għal xi tul bla ma kellhom għalfejn jilwu ħlief biex isegwu l-korsija li kienu fiha.

Li kieku ż-żewġ sewwieqa baqgħu fil-korsija tagħhom, l-inċident ma kienx iseħħ. Ġara iżda illi r-rota ta’ quddiem tax-xellug tat-*truck* qabdet mar-rota tal-lemin ta’ wara tal-vettura ta’ l-attur b’mod li s-sewwieqa ma setgħetx tikkontrolla aktar il-vettura, u l-karrozza spiċċat biex ħabtet mal-ħajt fuq ix-xellug tagħha u nqalbet. Biex ġara hekk, bilfors ġara li jew Attard Gialanzè ġibdet lejn il-lemin, jew il-konvenut ġibed lejn ix-xellug.

Attard Gialanzè xehdet illi hi baqgħet miexja mal-korsija tagħha sa ma tilfet il-kontroll tal-vettura, u ma ġibditx lejn il-lemin. Il-konvenut ukoll xehed li ma ġibidx lejn ix-xellug, iżda xehed ukoll illi lill-vettura l-oħra ma rahiex qabel l-inċident, għalkemm kienet aktar ’il quddiem mit-*truck*, u ntebaħ biha biss meta ħass li xi ħaġa qabditlu mar-rota tax-xellug ta’ quddiem u ħares ’l hemm u ra l-vettura l-oħra taħbat u tinqaleb.

Biex ma rax il-vettura l-oħra li kienet quddiemu u lejn ix-xellug tiegħu, il-konvenut x'aktarx ma kienx qiegħed attent sew għal-linja tax-xellug tal-korsija tiegħu u, billi t-*truck* tiegħu huwa kbir, jista' jkun li ħallieh jiġbed lejn ix-xellug bla ma ntebaħ. Tassew illi jista' jkun ukoll illi l-inċident seħħ għax Attard Gialanzè kienet wara l-konvenut, qabżitu mix-xellug, u kisret quddiemu kmieni wisq. Attard Gialanzè iżda xehdet illi ma kellhiex traffiku quddiemha fil-korsija tagħha u għalhekk ma kellhiex għalfejn tagħmel manuvra bħal dik.

Wara li qieset ukoll illi l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-attur, il-qorti hija tal-fehma illi aktar hu probabbli li l-inċident seħħ għax il-konvenut resaq wisq lejn ix-xellug milli għax is-sewwieqa tal-vettura ta' l-attur qasmet quddiemu.

Il-ħtija għalhekk hija tal-konvenut, li wassal għall-inċident għax resaq wisq 'il ġewwa fil-korsija mnejn kienet għaddejja l-vettura ta' l-attur.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

Lill-vettura ta' l-attur saritilha ħsara li ma tissewwiex. L-attur esebixxa *survey report* magħmul fil-bidu ta' l-1996, kważi erba' snin qabel l-inċident, li juri li l-vettura tiegħu dak iż-żmien kienet tiswa elfejn u mitejn lira (Lm2,200)[1]. Dak ir-rapport, iżda, ma hux imwettaq bil-ġurament ta' min għamlu, li lanqas tressaq biex jixhed, u l-qorti għalhekk ma hijiex sejra toqgħod fuqu. Il-konvenut ukoll esebixxa *survey report* li juri li l-vettura ta' l-attur qabel l-inċident kienet tiswa seba' mitt lira (Lm700), u illi r-*wreck* tiswa mija u ħamsin lira (Lm150)[2]. Ressaq ukoll bħala xhud lil Anthony Mizzi, li għamel l-istima u r-rapport, u dan xehed fit-3 ta' Frar 2004[3] biex wettaq ir-rapport bil-ġurament tiegħu.

Il-qorti għalhekk sejra toqgħod fuq ir-rapport esebit mill-konvenut, u tillikwida d-danni ta' l-attur fis-somma ta' ħames mija u ħamsin lira (Lm550), li hija d-differenza bejn kemm kienet tiswa l-vettura qabel l-inċident u kemm kienet tiswa' wara.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, tillikwida d-

---

1 *Fol.* 52.

2 *Fol.* 46.

3 *Foll.* 57 *et seqq.*

danni li ġarrab l-attur fis-somma ta’ ħames mija u ħamsin lira (Lm550), u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------